MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 709/2004

**Avviz numru: 709/2004 SM**

**V.J. Salomone Marketing Limited**

**vs**

**Victor Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef, disa mija u disa u disghin Lira Maltin, (LM4,999.00,0), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lilu fuq ordnijiet tieghu stess, skond rendikont tas-socjeta' attrici li kopja tieghu hija hawn annessa bhala Dok. "A1-A2", u skond "invoices" li kopji taghhom huma annessi u mmarkati Dok. "A3 – A8", bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata Dicembru tas-sena 2004, kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

2. Illi ghall-iskop ta' kompetenza, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici tnaqqas ghal erbat elef disa mija u disa u disghin Lira Maltin, (LM4,999.00,0), minn ammont akbar ta' hamest elef mitejn u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM5,220.68,0);

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta'attrici datata t-28 ta' Gunju tas-sena 2005 li permezz taghha l-istess socjeta' cediet il-kawza odjerna fil-meritu stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm it-talba ghall-ispejjez;

Illi in vista tal-premess filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu involut tikkundanna lill-konvenut Victor Gauci biex ihallas l-ispejjez dovuti ta' din il-procedura inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali msemmija fl-avviz, flimkien ma l-imghaxijiet involuti, skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------